MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

## Magistrat Francesco Depasquale

**LL.D. LL.M. (IMLI)**

Rikors Numru 14/2013

**George Attard (140064M) u Juliette Attard (222366M)**

**vs**

**Anthony Attard (713153M) u Salvina Dalli (659052M)**

**Seduta mizmuma llum 20 ta' Jannar 2016**

Il-Bord,

Ra ir-rikors promotur ippresentat fit 30 ta' Ottubru 2013 fejn stqarrew illi huma propretarji ta' bicca raba tal-kejl ta' cirka tomnejn u erbgha sieghan, maghrufa bhala ta' Hal Mula, f'Haz-Zebbug, illi hija mqabbla lill-intimati. Sahqu illi l-intimati ilhom ma jhallsu l-qbiela ghal din ir-raba mis 16 ta' Awissu 2002 u dana minkejja illi gew interpellati diversi drabi sabiex iwettqu l-hlas. Ghalhekk huma talbu illi, a tenur ta' l-Artikolu 4 (2) (e) tal-Kap 199, l-Bord jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu l-art wara illi jillikwida l-kumpens skond il-Ligi.

Ra ir-risposta ta' l-intimati ippresentat fit 2 ta' Marzu 2014 fejn sahaq illi t-talbiet ma setghux jigui akkolti stante illi apparti, ghall-esponenti, s-sidien huma injoti kif ukoll huma ma gewx interpellati ghall-hlas f'zewgt okkazzjonijiet fis-sentejn ta' qabel ma giet intavolata l-kawza.

Ra l-affidavit ta' **George Attard** ippresentat fil-21 ta' Mejju 2014 flimkien ma' dokumentazzjoni hemm esebita.

Ra illi fit-28 ta' Mejju 2014 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Sema ix-xhieda ta' **Anthony Attard** moghtija fit 2 ta' Lulju 2014 u fid 29 ta' Ottubru 2014 flimkien ma' dokumentazzjoni minnu esebita.

Sema x-xhieda in kontro ezami ta' Anthony Attard moghtija fil 15 ta' April 2015 u ra id-dokumentazzjoni addizzjonali esebiti mir-rikorrent waqt il-kontro ezami ta' Anthony Attard.

Semghet ix-xhieda tan-**Nutar Carmelo Lia** moghtija fis 27 ta' Mejju 2015.

Rat illi fis 27 ta' Mejju 2015 il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi, wara liema dikjarazzjoni l-abbli difensuri tal-partijiet ittrattaw il-kaz u l-kawza giet differita ghas-sentenza.

## Ikkunsidra

Fil-kawza odjerna, ir-rikorrent qieghed jikkontendi illi huma propretarji ta' bicca raba tal-kejl ta' cirka tomnejn u erbgha saghan, precizament ta' tlett elef, tlett mija u tnejn u sebghin metru kwadri (3,372 mk) maghrufa bhala "Ta' Hal Mula", limiti ta' Zebbug, Malta, u dana bis-sahha ta' kuntratt datat 21 ta' April 2001.

Ir-rikorrent jikkontendi wkoll illi huwa kien ikkomunika ma' l-intimati sabiex dawna jhallsu l-qbiela dovuta ta' Lm3 fis-sena, u l-intimati fl-1 ta' Mejju 2001 bghatu ittra fejn ghaddew il-pagament ta' hames snin b'lura (fol 18) u sussegwentement, fis 26 ta' Settembru 2002, bghatu pagament iehor ta' sentejn (fol 19).

Ir-rikorrenti jishaq illi sussegwentement, ghalkemm interpella lill-intimati sabiex ihallsu, dawna baqghu ma hallsux u ghalhekk nieda l-proceduri odjerni.

L-intimati, da parte taghhom, jikkontendu illi originalment, meta gew avvicinati mir-rikorrenti ghall-pagament tal-qbiela, huma ghaddewlu pagament ta' sebgha snin b'lura, minn Awissu 1993 sa Awwisu 2000, ghal liema pagament huma ma rcevew ebda ricevuta. Sussegwentement, huma baghtu ittra fis 26 ta' Settembru 2002 (fol 40), fejn ghaddew lir-rikorrenti pagament ghal sentejn ohra filwaqt illi talbu r-ricevuti ghal pagamenti kollha illi saru.

L-intimati, sussegwentement marru hadu parir "legali" minghand in-Nutar Carmelo Lia li gharrafhom illi l-propjeta' kienet taghhom abbazi tal-preskrizzjoni akkwizittiva dovuta ghal fatt illi qatt ma kienu hallsu qbiela ghal hafna snin.

L-intimati, imsahhin minn dana il-parir "legali" tan-Nutar Carmelo Lia, ghaddew biex ghamlu kuntratt ta' donazzjoni fl-14 ta' Gunju 2007, fejn Salvina Dalli ddonat nofs indiviz ta' l-ghalqa meritu tal-kawza odjerna lill bintha Mariella Dalli, f'isimiha u f'isem huta Josianne Buhagiar u Graziella Agius filwaqt illi Anthony Attard ddona nofs indiviz ta' l-istess ghalqa lill bintu Audrey Attard. (Fol 35 u 35A rispettivament)

**Ikkunsidra**

Il-premessa inizzjali tar-rikors odjern kien illi r-rikorrenti kienu propretarji ta' l-art meritu tal-kawza odjerna.

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi l-intimati, da parte taghhom, jikkontendu illi hua propretarji ta' l-art meritu tal-kawza odjerna u ghalhekk ma ghandhom ihallsu ebda qbiela lir-rikorrenti.

Jirrizulta, ghalhekk, illi hemm dubju dwar min huwa propretarju tal-art meritu tal-kawza odjerna, u dana il-Bord ma huwiex kompetenti sabiex jistabilixxi minn attwalment huwa sid l-art meritu tal-kawza odjerna, liema kompetenza tinstab f'idejn il-Qorti Civili.

Ghalhekk, abbazi tal-provi kif prodotti, il-Bord ma huwiex f'pusizzjoni jistabilixxi jekk attwalment ir-rikorrenti huma sidien ta' l-art meritu tal-kawza odjerna, li hija l-premessa inizzjali u essenzjali tal-kawza odjerna.

Fic-cirkostanzi, tenut kont tal-fatti kollha kif fuq esposti.

Il-Bord qieghed jichad it-talba attrici kif dedotta, minghajr pregudizzju ghar-rikorrent illi jerrggha jressaq tali proceduri fl-eventwalita' illi tigi stabbilita b'certezza favur tieghu illi huwa sid l-art meritu tal-kawza odjerna.

Fic-cirkostanzi tal-kaz, kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur